**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**
**Seduta Distrett**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum**: 14 ta' Lulju, 2023

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Saviour Sultana, iben Michael u Ċensa nee Attard, imwieled fl-24 ta' Lulju 1954 u residenti White Rose, Triq Vestru, Xagħra, detentur tal-Karta tal-Identità numru 44654G, u**

**Maria Sultana, bint Eucharistiku u Carmela nee Tabone, imwielda fil-11 ta' Diċembru 1960 u residenti White Rose, Triq Vestru, Xagħra, detentriċi tal-Karta tal-Identità numru 70060G**

***Distrett: 692/2016***

Il-Qorti;

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati **Saviour Sultana** u **Maria Sultana** u ċioe` talli:

Fil-ġranet ta' qabel is-6 t'Awissu 2016 ġewwa Triq it-Tiġrija, Sqaq FI ġewwa x-Xagħra, Għawdex

1. Mingħajr il-ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċitaw dritt li jippretendu li għandhom, ġiegħlu bl-awtorita' tagħhom infushom lil xi ħadd iħallas dejn, jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew

fixklu lil Tarcisio Cremona fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħħlu fi ħwejjeġ ħaddieħor.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Preliminari**

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fil-25 ta' April, 2023 "Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti.[1] L-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret nhar il-5 ta' Mejju, 2023.

Ikkunsidrat:

L-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputati hi dik li *"fil-ġranet **ta' qabel is-6 t'Awissu**, 2016"* bl-għemil tagħhom, meta neħħew ħajt proprjetà ta' Tarcisio Cremona, saru ħatja tar-reat kontemplat bl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali.

Jason Cremona jixhed li l-ħajt tneħħa *"lejn Mejju però ma nafx ngħid ezatt"*[2]. Alvin Azzopardi jixhed li *"Nehhejnieh f' Gunju, 2016"*[3] filwaqt li Stephan Muscat jixhed *"Nehhejnieh fit-18 ta' Ġunju 2016 kien is-Sibt"*.[4] Id-data tat-18 ta' Ġunju hi korroborata bix-xhieda tal-imputati Saviour[5] u Maria Sultana.[6] Mix-xhieda ta' Jonathan Portelli jikkonferma li meta kien żar is-sit fil-11 ta' Lulju 2016 *"irriżulta li l-hajt tas-sejjieħ kien tneħħa"*.[7]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Raymond Xerri** il-Qorti kkunsidrat:[8]

> Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

[1] Fol.45-46
[2] Fol.81
[3] Fol.85
[4] Fol.86
[5] Fol.200
[6] Fol.214
[7] Fol.105
[8] Qorti tal-Appell Kriminali, per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, Deċiża 26 ta' Jannar 2017

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw……*"
Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt intsab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament*"

Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011[9]. Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.

Għalhekk meta l-imputazzjoni hi arġinata għal *"**ġranet** ta' qabel is-6 t'Awissu 2016"* fejn fil-massimu l-parametri temporali jistgħu jirrisalu sa ġimgħa qabel is-6 ta' Awwissu, 2016, ċertament il-jum tat-18 ta' Ġunju 2016 ma jista' qatt jitqies li jaqa' fl-imsemmija parametri temporali peress li jmur lil hinn.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tillibera lill-imputati minn kull ħtija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[9] Ara ukoll Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et – 23/04/2012 (Qorti tal-Maġistrati)